Għejjun ta' Ilma Frisk u Dejjem Ħaj

Holqa bejn il-Ħbieb ta' Missirijiet il-Knisja ppubblikata mis-Soċjeta' Patristika Maltija

Nru 17 6 ta' Marzu 2019

Kelmtejn bejn il-Ħbieb

Għeżież ħbieb,

Nittama li tinsabu tajbin. Issa li bdejna r-Randan Imqaddes, qegħdin niġu msejħa biex nilqgħu l-istedina li jagħmlilna l-Mulej biex nisimgħu l-Kelma tiegħu b'aktar attenzjoni u ngħixu l-konverżjoni kontinwa. Il-Missirijiet tal-Knisja, f'ħafna mill-kitbiet tagħhom, ifakkruna dwar dan. Kif għidtilkom fl-aħħar *newsletter* se norganizzaw Irtir ta' ġurnata fir-Randan. Dan se jsir fit-23 ta' Marzu li ġej. It-tema se tkun "Ħa nqum u mmur għand missieri", meħuda mil-Liturġija ta' dik l-istess ġurnata. Issibu aktar tagħrif dwar l-Irtir f'din in-*newsletter*.

Aktar 'l isfel f'din il-paġna se ssibu aktar tagħrif dwar Taħdita Pubblika interessanti ħafna organizzata mis-Soċjetà Patristika nhar l-Erbgħa 22 ta' Mejju fis-6.30pm. It-taħdita se ssir minn Patri Joseph Ellul O.P.

Inselli għalikom u nixtiqilkom kull ġid fil-Mulej matul dan iż-żmien qaddis tar-Randan,

Dun Hector Scerri
President

Taħdita Pubblika

L-Erbgħa 22 ta' Mejju 2019, fis-6.30pm
fir-Refettorju l-Antik, il-Kurja, Floriana
Suġġett: Il-Kristjaneżmu Orjentali u l-firxa tal-Islam (sekli VII-IX).
Kelliem: Rev. Dr Joseph Ellul O.P.

Il-laqgħa tintemm għall-ħabta tas-7.30pm.

Fadlilna kopji tal-ktejjeb *Ir-Randan mal-Missirijiet tal-Knisja*, ippubblikat mis-Soċjetà Patristika fl-2016. Kopja tiswa €5 biss. Min jixtieq jakkwista kopja jikteb lil hector.scerri@um.edu.mt

Irtir tar-Randan

L-Irtir tar-Randan se jsir nhar is-**Sibt 23 ta' Marzu 2019**, mid-9.30am sal-4.30pm, fid-Dar tal-Irtiri, St Joseph Retreat Centre, ir-Rabat.
Id-donazzjoni għall-kafè, il-pranzu u l-użu tal-post se tkun ta' €20.

Dan huwa l-programm sħiħ tal-Irtir:

09.15am	Ningabru fil-Kappella tad-Dar tal-Irtiri
09.30am	Ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija (Jippresiedi Dun Jonathan Farrugia)
10.15am	Waqfa għall-Kafè
10.45am	Orjentament I għar-Riflessjoni (mill-Papas Martin Zammit)
11.30am	Ħin fis-skiet għar-Riflessjoni personali
12.30pm	Pranzu
02.00pm	Orjentament II għar-Riflessjoni (minn Dun Mark Sultana)
02.45pm	Hin fis-skiet għar-Riflessjoni personali
03.30pm	Waqfa għall-Kafè
04.00pm	Talba tal-Għasar

Intemmu l-esperjenza qabel il-ħin tal-4.30pm.

Kull min hu interessat li jieħu sehem fl-Irtir huwa ġentilment mitlub jikteb e-mail lil hector.scerri@um.edu.mt **sat-Tnejn 18 ta' Marzu**. Jekk jogħobkom, tħallux għall-aħħar.

Siltiet mis-Santi Padri

"Naħarbu bħal ċriev lejn in-nixxigħat tal-ilma; il-għatx ta' David ikun il-għatx tagħna wkoll. Minn liema għajn ried jixrob? Isma' x'qal: *Għandek hemm il-għajn tal-ħajja*. Ħa ngħidu lil din il-għajn: *Meta niġi u nara wiċċek?* Għax Alla hu din il-għajn" (Sant'Ambroġ, *Trattat fuq il-ħarba mid-dinja*).

"Biex is-sagrament tal-Passjoni tal-Mulej ma nirċevuhx fil-fieragħ, għandna nkunu nixbħu lil dak li nirċievu, u nxandru ma' kulħadd lil dak li nqimu. L-għajjat tiegħu fina jibqa' sieket, jekk b'fommna ma nxandrux dak li nemmnu. Għalhekk mela, biex l-għajjat tiegħu ma jibqax sieket fina, kull wieħed minna, skont ma' jista', għandu jxandar madwaru l-misteru tas-salvazzjoni li kisbilna" (San Girgor il-Kbir, *mill-Kotba tal-Morali fuq Ġob*).

"Aħna qegħdin nagħtu biss minn dak li Alla ta lilna. Hija ħaġa tajba, aħwa tiegħi, li tqassmu b'idejkom stess ... Imma dawk fostkom li mhumiex f'pożizzjoni li jagħtu lil kulħadd, għandhom jagħtu dak li jistgħu lill-foqra, u bil-ferħ" (Santu Wistin, minn *Omelija 259*).

"Darba rajt tlett irħieb jiġu mkasbra u umiljati bl-istess mod fl-istess waqt. L-ewwel wieħed ħassu mwegga' ħafna; kien imdejjaq imma rnexxielu ma jgħid xejn. It-tieni wieħed kien kuntent għalih innifsu imma mnikket għal dak li kien weġġgħu. It-tielet wieħed ħaseb biss dwar il-ħsara li sofra l-proxxmu tiegħu li kien weġġgħu u beka għalih bi ħniena mqanqla. L-ewwel raħeb kien immotivat mill-biża'; it-tieni wieħed kien animat mill-premju; it-tielet kien imqanqal mill-imħabba" (San Ġwann Klimaku, *Is-Sellum tal-Perfezzjoni Divina*).